*TIBDIL FL-ISEM*

*REGISTRI PARROKKJALI*

*ART. 629 (2) KAP.12*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 29**
**Rikors Guramentat Numru : 325/2015/LSO**

**Giuditta Spiteri (ID 184030M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Giuditta Spiteri ID 184030M datat 10 ta' April 2015 fejn bil-gurament ikkonfermat :

Illi fl-att tat-twelid taghha fil-kolonna "data tat-twelid" bi zball tnizlet id-data tal-"5 ta' Frar 1930" mentri fil-fatt hija twieldet fil-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tletin (1930) kif jidher mic-certifikat tat-twelid taghha mahrug mill-Ufficcju Parrokkjali tal-Kalkara u mir-registrazzjoni tat-twelid taghha fl-istess parrocca (Dok A, Dok B u Dok C rispettivament).

Illi fl-istess att ta' twelid isimha tnizzel 'Giuditta' mentri isimha huwa proprju 'Juditta' kif jirrizulta mill-annessi certifikati Dok B u Dok C rispettivament.

Illi difatti l-*atto di nascita* registrat fl-Insinwa sar fl-14 ta' Marzu 1930 u mhux qabel u dan jirrizulta minn Dok D.

Illi hija ghamlet tali talba quddiem il-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Notarili liema talba giet michuda minhabba l-inkompetenza tal-istess.

Illi ghalhekk hija tixtieq li ssir tali korrezzjoni sabiex id-data tat-twelid taghha tkun dik veritjiera cioe` tal-5 ta' Marzu 1930 u mhux 5 ta' Frar 1930 kif erronjament hemm imnizzel fic-certifikat tat-twelid taghha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti prevja li din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug tal-avviz *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kapitlu

16 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Preliminarjament u kemm-il darba l-intimat jitlob li jkun hemm ic-certifikati originali esebiti llum, tordna li:

1. L-atti tar-rikors numru 20/15 tal-atti tal-Qorti tar-Revizjoni tal-atti Notarili jigu annessi ma' dawn l-atti;

2. Tiddikjara *ai* finijiet u effetti kollha tal-ligi li d-data tat-twelid tar-rikorrenti attrici hija l-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tletin (1930) u mhux hamsa (5) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tletin (1930);

3. Tiddikjara *ai* finijiet u effetti kollha tal-ligi isem ir-rikorrenti huwa 'Juditta';

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrenti b' tali mod li jirrifletti li d-data tat-twelid tar-rikorrenti hija l-5 ta' Marzu 1930 u mhux 5 ta' Frar 1930 u l-isem tar-rikorrenti huwa 'Juditta' u mhux Giuditta.

5. Tordna lill-intimat sabiex jemenda kull art pubbliku tal-istess rikorrenti bil-mod kif spjegat fit-tieni u t-tielet talba.

U dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Mejju 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 15 ta' Mejju 2015 (fol 24) fejn espona bil-qima, u Dr. Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u ikkonfermat dan li gej :

1. Illi *in limine litis* ukoll huwa mehtieg li ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva li fiz-zmien meta gie rregistrat l-att tat-twelid in-kwistjoni u cioe` fis-sena 1930, id-dettalji fl-att kienu jitnizzlu unikament skont ma jiddikjara d-dikjarant. F'dan il-kaz id-dikjarant fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti kien missierha stess Bernardius Xerri li ta d-dettalji kollha li tnizzlu fl-att tat-twelid inkluz id-data tat-twelid tar-rikorrenti. Huwa ffirma l-istess att b'dan ghalhekk li kien qed jikkonferma u jaccetta li l-informazzjoni kollha li tnizzlet fl-att kienet korretta;

3. Illi fir-rigward tal-isem tar-rikorrenti li minflok "Giuditta" tigi "Juditta", apparti li l-esponent jirrileva li d-differenza f' dawn l-ismijiet hija wahda minima u kwazi inezistenti, bl-ebda mod ma jirrizulta li sar xi zball min-naha tal-intimat. Fil-fatt anke fir-rigward tal-isem li tnizzel fl-att tat-twelid,

kien missierha li ddikjara li isem ir-rikorrenti ghandu jkun "Giuditta". *Inoltre* skont id-dokumenti esebiti l-isem gie imnizzel bhala "Judith" u lanqas bhala "Juditta". Ghalhekk il-provi dokumentarji li pprezentat ir-rikorrenti ma jsostnux it-talba taghha biex ikun hemm bdil f' isimha.

4. Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, sabiex il-premessi tal-azzjoni taghha dwar l-isem jigu mibdula b'mod li jinkwadraw perfettament ruhhom taht il-parametri tal-ligi msemmija fl-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba tal-attrici ghandha tkun fis-sens li:

a. titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-attrici ma' tul hajjitha kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem ta' "Juditta"u mhux bl-isem "Giuditta";

5. Illi bla hsara ghal premess ir-rikorrenti trid tispecifika <u>ezattament</u> liema huma l-atti ta' l-istat civili apparti l-att tat-twelid taghha li fihom hija trid li tali bidla, jekk tigi akkordata minn din l-Onorabbli Qorti, tigi riflessa. L-atti jridu jigu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi taghhom.

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 18 ta' Gunju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur intimat, li nforma lill-Qorti li gie notifikat b'affidavit tal-attrici. Dr Anna Mallia u l-attrici msejha tliet darbiet ma dehrux. Dr. Cordina ghamel referenza ghal paragrafu tlieta (3) tar-risposta tieghu u jiddikjara li f'dak l-istadju ma kellux provi ulterjuri. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-8 ta' Ottubru 2015 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat ċivili billi jigi sostitwit l-isem jew ismijiet li bihom il-persuna hija konsistentement maghrufa. *Inoltre ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kodici Civili persuna ghandha dritt li tottjeni r-registrazzjoni tal-isem jew ismijiet li kienet konsistentement imsejha bihom minnflok l-isem jew l-ismijiet moghtija fuq l-Att.

Ir-rikorrenti ressqet zewg talbiet, u cioe`, wiehed ghall-korrezzjoni tad-data tat-twelid li tghid huwa zbaljat, u t-tieni

talba sabiex isimha tigi registrata bhala 'Juditta' minnflok 'Giuditta.'

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fl-20 ta' April 2015 (fol16) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

**Tibdil fid-Data tat-Twelid**

Illi skont l-intimat ma sar l-ebda zball billi l-informazzjoni registrata mal-iskrizzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti kienet sottoffirmata minn missierha kif jirrizulta mill-atti esebiti.

Illi din l-ispjegazzjoni mhix soddisfacjenti ghall-Qorti billi hija r-responsabbilita' tad-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-kawteli mehtiega sabiex l-informazzjoni li jircievi tkun korretta. Il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrenti twieldet fil-5 ta' Marzu 1930 u mhux fil-5 ta' Frar 1930. Dak iz-zmien, u anke llum, jinghata fidi lir-registri mahruga mill-Parroccja. Ir-rikorrenti esebiet ic-certifikat tat-twelid parrokkjali taghha kif ukoll kopja tar-registrazzjoni tal-istess twelid fir-registri tal-parrocca li jikkonfermaw il-verzjoni taghha.

Skont l-**artikolu 629(2) tal-Kap.Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** huma ammissibbli u jistghu jippruvaw dak li jkun fihom, salv prova kontrarja, *inter alia* l-atti u r-reġistri tal-parroċċi

dwar twelid, żwieġ, u mewt, u d-disposizzjonijiet magħmula skont il-liġi quddiem kappillan.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' l-ewwel talba in kwantu tirrizulta gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

**Tibdil fl-Isem.**

Ir-rikorrenti qed titlob li l-isem tat-tarbija murija fuq l-att tat-twelid jigi mibdul minn 'Giuditta' ghal 'Juditta' li tghid huwa isimha proprju.

Fl-affidavit taghha hi stqarret li minn dejjem kitbet isimha bhala 'Juditta'. L-intimat ukoll oppona ghat-talba billi mhix sorretta b'ebda prova dokumentarja.

Il-Qorti trid taghti ragun lill-Intimat fuq dan il-punt. Difatti fic-certifikat parrokkjali tal-maghmudija tar-rikorrenti, (Dok.B) isimha huwa imnizzel bhala 'Judith' u dan jirrizulta wkoll mill-estratt mahrug mir-registru parrokkjali (Dok. C). Dan hu rifless ukoll fic-certifikat parrokkjali taz-zwieg taghha fejn l-isem tal-gharusa hu 'Judith Xerri.'

Fir-realta' dawn huma kollha verzjonijiet tal-istess isem f'lingwi differenti filwaqt li hija l-fehma tal-Qorti li l-uzu tal-isem 'Giuditta' jew 'Juditta' hija biss kwistjoni ta' preferenza personali. L-istess Intimat wkoll osserva fir-risposta guramentata tieghu li fir-rigward tal-isem tar-rikorrenti, d-differenza bejn iz-zewg ismijiet hija minima.

Kif kellha okkazzjoni tosserva din l-istess Qorti f'sentenzi li ippronunzjat rigward talbiet ghat-tibdil fil-kunjom, li kien hemm temperament mill-Qrati taghna fejn l-interessi ta' terzi mhumiex pregudikati.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti hija mara ta' tmenin sena u din il-Qorti m'ghandhiex raguni biex tiddubita mis-sincerita' taghha meta tikkonferma bil-gurament li dejjem uzat l-isem 'Juditta'. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex takkolji din it-talba billi taccetta l-verzjoni attrici .

F'dak li jikkoncerna l-kap tal-ispejjez, din il-Qorti taqbel mal-Intimat li m'ghandux ibaghti l-ispejjez giudizzjarji fid-dawl tal-fatti kollha tal-kaz .

**L-Ewwel Talba**

Riferibbilment ghall-ewwel talba, id-difensur tar-rikorrenti, b'nota pprezentata fit-30 ta' Gunju 2015, iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi. L-atti tal-proceduri quddiem il-Qorti tar-Revizjoni tal-atti Notarili ma gewx annessi ma dawn l-atti u l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

**Il-Hames Talba**

Skont l-artikolu 253(3) tal-Kodici Civili, sabiex tirnexxi din it-talba jenhtieg li r-rikorrenti tindika l-atti bin-numru u s-sena relattiva taghhom. Tali informazzjoni ma inghatatx u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din

it-talba sabiex ma tippregiudikax il-jedd tal-attrici f'kaz li trid tiddeduci talba simili fil-futur.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u tal-hames talbiet attrici ghar-ragunijiet moghtija, tiddisponi mit-talbiet rimanenti u mill-eccezzjonijiet sollevati mill-Intimat skont dan li gej:-

**Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara *ai* finijiet u effetti kollha tal-ligi li d-data tat-twelid tar-rikorrenti hija l-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tletin (1930) u mhux hamsa (5) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tletin (1930);

**Tilqa' t-tielet talba** u tiddikjara *ai* finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-attrici matul hajjitha kienet konsistentement maghrufa bl-isem 'Juditta' minnflok 'Giuditta.'

**Tilqa' r-raba' talba** u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1840/1930 billi fil-kolonna ntestata "il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena " minnflok id-data "5 ta' Frar 1930" tigi sostitwita d-data "5 ta' Marzu 1930". Ukoll tordna illi l-isem "Juditta" jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid imsemmi minflok l-isem "Giuditta" b'dana illi l-imsemmi Att jigi

emendat fis-sens li fil-kolonna ntestata "Ismijiet moghtijin" jitnizzel l-isem "Juditta" minflok "Giuditta";

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispozizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**8 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**8 ta' Ottubru 2015**